MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1587/2005

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Christopher Cutajar**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici tablet hlas tas-somma ta' mitejn hamsa u hamsin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm255.35) in linea ta' danni kagunati f'zebra crossing tad-dawl u apparat tad-dawl propjeta tal-Korporazzjoni attrici liema danni gew ikkawzati mill-konvenut fis-17 ta' Mejju 2003 fi Triq Manwel Dimech Qormi, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez inkluz dawk ta'l-ittra ufficjali datata 25 ta' Frar 2005.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet ta’l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b’l-avviz f’10 ta’ Awissu 2005, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikundanna lill-konvenut jhallas is-somma ta’ mitejn hamsa u hamsin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm255.35) b’l-imghaxx u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------